MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Numru 918/2004

**Il-Pulizija
(Spettur Malcolm Spiteri)**

**vs**

**JOHN DEBATTISTA**

**Illum 19 ta' Novembru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha John Debattista ta' 19-il sena, iben Martin u Mary nee` Vassallo, imwieled Pieta` nhar it-18.09.1984 u residenti Block 1, Flat 3, Door A, Paola Hill, Paola, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 474984 (M), gie akkuzat:

Talli fit-3 t'Awissu 2004 ghall-habta ta' nofs il-lejl ikkommetta serq ta' telefon cellulari tal-marka Nokia mill-fergha tal-bank HSBC, Pjazza De Paule, Paola ghad-dannu ta' Mark Anthony Tabone minn Rahal Gdid, liema serq jammonta ghal Lm100, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-lok.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. MS3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat iddikjara li m'ghandux htiega ta' avukat.

Il-Qorti spjegat lill-imputat dwar id-dritt tieghu li jkun assistit minn avukat u l-imputat rega' kkonferma li m'ghandux htiega ta' avukat.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Malcolm Spiteri ddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li hu rritorna r-refurtiva.

Rat l-artikoli 261 (e) u (f), 269 (d), 270, 281 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat John Debattista, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat John Debattista ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta ta' l-imputat, l-eta` tenera ta' l-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Malcolm Spiteri ddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li hu

rritorna r-refurtiva, tillibera lill-istess imputat taht il-Provvediment ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat John Debattista l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------